# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 143/2015**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Zahra**

iben Joseph, imwieled l-Imqabba, fil-5 ta' Frar, 1956, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 164456(M)

Illum, 31 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Zahra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT, talli:

1. Fid-29 ta' Settembru 2004, wara intervent u tfittxija li saret minn uffiċjali tad-Dwana f'Ta' Kandja limiti tal-Imqabba, fejn l-istess uffiċjali ħadu kampjuni ta' *diesel* mingħandu, irriżulta wara li saru l-analiżi, li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu, *diesel* bla dazju;

2. Fl-1 ta' Ottubru 2004, wara intervent u tfittxija minn uffiċjali tad-Dwana fil-post fuq imsemmi, bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazji u taxxi li jkun imisshom tħallsu, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu 1842 litru *diesel* bla dazju;
3. Fl-4 ta' April 2007 u/jew f'xi data qabel, iddispona mid-*diesel* fuq imsemmi u ċioe' 1842 litru *diesel* bla dazju li kien fil-kustodja tiegħu sottopost għas-siġilli tad-Dwana;
4. Dan il-*fuel* fuq imemmi għandu valur ta' €551.64, dazju tas-sisa €452.24, dazju ta' importazzjoni €19.29 u taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) €184.16, liema dazju u taxxa dovuti fuqu ma kienux ġew imħallsa u/jew kawtelati;
5. Sar reċediv a terminu tal-artiklu 49 *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 20 ta' Lulju 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu multa komplessiva ta' €1966.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u tgħaddi sabiex żżid u tispeċifika li terz mill-multa għandha titqies bħala dejn ċivili li huwa dovut u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u kif ukoll li terz mill-multa jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi, u kif ukoll tgħaddi sabiex tinfliġġi piena ekwa u ġusta skont il-liġi u fil-parametri relattivi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu kien hemm enunċjazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta l-Ewwel Onorabbli Qorti erogat il-multa ta' €1966.

Illi l-artiklu 62 tal-Kapitlu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

**62.** Kull min, b'kontravvenzjoni ta' din l-Ordinanza –

...

jeħel għal kull wieħed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull kaz mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), **hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana,** jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn; u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-disposizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi **(Sottolinear u enfasi tal-esponent).**

Illi, *di piu'* l-artiklu 80 tal-Kapitlu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

**80.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 18, 60 u 62 tal- Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f' dawk l-artikoli kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza msemmija, ta' reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għal tlett darbiet it-taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350), skont liema tkun l-akbar, **b'dan illi terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju**, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien, u min jagħmel ir-reat jista' jew jinżamm jew jittieħdu proċedimenti kontrih b'taħrika, bl-istess mod u għamla, u skont id-disposizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali **(Sottolinear u enfasi tal-esponent).**

Illi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid, *'Rat l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikolu 80 tal-Kap 406 u tikkundannah multa komplessiva ta' €1966.'* Bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza tagħha hija naqset milli żżid u tispeċifika li terz mill-multa għandha titqies bħala dejn ċivili li huwa dovut u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana hekk kif stipulat, u kif ukoll li terz mill-multa jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi. Konsegwenza t'hekk, kemm id-Dipartiment tad-Dwana u kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxa se jkollhom problema biex jinfurzaw u jesegwixxu is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti stante li l-mod kif inhi miktuba is-sentenza turi li l-multa hija dovuta lill-Qorti, u mhux li terz minnha għandha titqies bħala dejn ċivili li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u li terz mill-multa jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi.
Illi *di piu'* l-esponent jirrileva li ttieħed żball ċkejken mill-Ewwel Onorabbli Qorti meta ġiet komputata l-multa. Meta wieħed jaħdem il-multa abbażi ta' artiklu 62 tal-Kapitlu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' artiklu 80 tal-Kapitlu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jasal għall-konklużjoni li l-multa li kellha tiġi mposta hi dik ta' €1967.07 u mhux €1966. Għalhekk l-multa ta' €1966 imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti mhix fil-parametri tal-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2016 jirrizulta li l-appellat hallas il-multa nflitta wara li gie ntavolat l-appell tal-Avukat Generali izda qabel ma gie appuntat ghas-smiegh dan l-istess appell.

Illi din il-Qorti hi sodisfatta li l-ewwel Qorti erogat il-piena kif suppost u din il-Qorti qed tastjeni milli jaghmel  kwalunkwe kumment dwar it-talba tal-appellant ghall-euro u seba' centesimi (€1.07).

Dwar id-dikjarazzjoni li jrid l-appellant dwar id-dejn civili din hi ghal kollox zejda fic-cirkostanzi izda madankollu ser tidhol tali dikjarazzjoni fil-korp ta' dan is-sentenza.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tichad it-talba tal-Avukat Generali ghaz-zejda tal-multa nflitta u tikkonferma s-sentenza appellata.  Tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li ziedu l-kliem fl-ahhar tas-sentenza: "li terz mill-multa ghandha titqies bhala dejn civili li huwa dovut u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, kif ukoll li terz mill-multa titqies bhala dejn civili dovut lill-Kummisarju tat-Taxxi".